Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 4 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

14916/17

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2016/0400 (COD)**

CODEC 1920
INST 441
JUR 561
CLIMA 322
TELECOM 316
DEVGEN 277
EMPL 579
SOC 761
ENER 473
ENV 990
STATIS 85
ECOFIN 1039
DRS 74
EF 311
MI 879
ENT 252
CHIMIE 102
AGRILEG 232
IND 338
COMPET 816
MAP 36
POLARM 20
COARM 303
CSDP/PSDC 670
CFSP/PESC 1072
CONSOM 374
SAN 442
JUSTCIV 279
AVIATION 169
TRANS 516
MAR 222
UD 288

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Presidenza |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 5623/17 + ADD 1 REV 1, 10170/17 |
| Suġġett: | Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti ġuridiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea<br>- Rapport ta' Progress tal-Presidenza |

## I. INTRODUZZJONI

Fil-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[1] (minn hawn 'il quddiem "il-FII") "it-tliet Istituzzjonijiet irrikonoxxew il-ħtieġa għall-allinjament tal-leġislazzjoni kollha eżistenti mal-qafas legali introdott mit-Trattat ta' Lisbona, u b'mod partikolari l-ħtieġa li tingħata prijorità għolja lill-allinjament fil-pront tal-atti bażiċi kollha li għadhom jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju."[2]

Għadd ta' atti leġislattivi fis-seħħ għad fihom il-proċedura regolatorja bi skrutinju (minn hawn 'il quddiem "PRS") u din ser tkompli tapplika (f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament Nru 182/2011) f'dawk l-atti sakemm jiġu emendati u adattati formalment għat-Trattat ta' Lisbona. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ppreżentat żewġ Proposti li jkopru l-adattament tal-atti kollha li fadal għat-Trattat ta' Lisbona, li għadhom jirreferu għall-PRS. COM(2016) 799 final[3] tipproponi l-adattament ta' 168 att li jkopru 13-il taqsima differenti, filwaqt li COM(2016) 798 final[4] tipproponi l-adattament ta' tliet atti fil-qasam tal-Ġustizzja. Atti li jirreferu għall-PRS li attwalment huma soġġetti għal reviżjoni separata jew li għalihom hija prevista reviżjoni, mhumiex inklużi fil-Proposti[5].

Sabiex jinżamm livell adatt ta' koordinazzjoni u konsistenza tal-approċċ, il-Presidenza Maltija ddeċidiet li tattiva l-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza biex jeżamina l-proposti u jivvaluta, għal kull att legali kkonċernat, l-adattament propost mill-Kummissjoni. Il-Grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza ("Adattament tal-PRS") ġie attivat mill-COREPER fl-1 ta' Frar 2017[6].

---

1 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

2 Ibid, punt 27.

3 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti ġuridiċi li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju mal-Artikoli 290 u 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dokument 5623/17 + ADD 1 REV 1.

4 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jadatta għadd ta' atti legali fil-qasam tal-Ġustizzja li jipprevedu l-użu tal-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Dokument 5705/17 + ADD 1.

5 Il-Kummissjoni pprovdiet lista ta' dawn l-atti fil-punt 3 tal-Memorandum ta' Spjegazzjoni ta' COM(2016) 799 final.

6 Ara d-dokument 5707/17.

Il-grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza (Adattament tal-PRS) (minn hawn 'il quddiem "FoP") beda diskussjonijiet formali dwar COM (2016)799 (minn hawn 'il quddiem, "Proposta għall-Adattament tal-PRS") taħt il-Presidenza Maltija li matulha saru ħames laqgħat tal-FoP u ġie ppreżentat rapport ta' progress mill-Presidenza[7] lill-Kunsill Affarijiet Ġenerali ta' Ġunju 2017.

Taħt il-Presidenza Estonjana, ħames laqgħat tal-FoP kienu ddedikati lid-diskussjonijiet dwar il-Proposta għall-Adattament tal-PRS fis-17 ta' Lulju, fil-21 ta' Settembru, fil-5 ta' Ottubru, fis-7 ta' Novembru u fl-1 ta' Diċembru 2017. Il-Presidenza Estonjana ffokat il-ħidma tagħha fuq il-bqija tal-partijiet tal-Proposta għall-Adattament tal-PRS li ma ġewx diskussi taħt il-Presidenza Maltija, li jammontaw għal 90 att fit-tliet Taqsimiet li ġejjin, jiġifieri:

Taqsima VII: EUROSTAT

Taqsima XI: MOBBILTÀ U TRASPORT

Taqsima XII: SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

Minħabba l-volum tal-Proposta għall-Adattament tal-PRS, il-Presidenza Estonjana kompliet issegwi l-prassi stabbilita mill-Presidenza Maltija, li qabel kull laqgħa tal-FoP, il-Presidenza titlob lid-delegazzjonijiet biex jagħtu l-pożizzjoni tagħhom abbażi ta' valutazzjoni legali pprovduta mill-Presidenza, bil-kontribut tas-Servizz Legali tal-Kunsill (SLK), filwaqt li jivvalutaw jekk kull għoti ta' setgħa li tinsab fil-proposta tal-Kummissjoni rigward it-Taqsimiet inkwistjoni, hijiex aċċettabbli mil-lat legali. Id-delegazzjonijiet ippreżentaw kummenti bil-miktub.

Il-laqgħat iffokaw fuq id-dispożizzjonijiet li għalihom tqieset meħtieġa diskussjoni. Fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li dwarhom kien hemm appoġġ ġenerali għall-valutazzjoni inizjali tal-Presidenza fil-kummenti bil-miktub, ma saret l-ebda diskussjoni matul il-laqgħat[8]. Wara kull laqgħa, il-Presidenza reġgħet lura għand id-delegazzjonijiet b'suġġerimenti għall-abbozzar għal emendi li kienu meħtieġa wara l-konklużjonijiet proviżorji li ttieħdu matul il-laqgħat abbażi tal-pożizzjonijiet tad-delegazzjonijiet, kemm bil-miktub kif ukoll fil-laqgħat tal-FoP.

7 ST 10170/17.

8 Għalkemm l-Istati Membri setgħu jżidu dispożizzjonijiet speċifiċi li ma kinux proposti għad-diskussjoni fit-tmiem ta' kull Taqsima.

## II. IS-SITWAZZJONI ATTWALI TAL-ANNESS

TAQSIMA VII - EUROSTAT

**Kumment orizzontali**: Fir-rigward tat-tul taż-żmien tad-delega tas-setgħat, fil-każijiet kollha f'din it-taqsima, li dwarhom il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil għal atti delegati, il-Presidenza kkonkludiet ukoll b'mod proviżorju li d-delega tas-setgħat għandha tkun limitata għal ħames snin, bil-possibbiltà ta' tiġdid taċitu (Għażla 2 tal-Artikolu standard dwar l-eżerċizzju tad-delega fl-appendiċi għall-Fehim Komuni tal-FII). Il-Presidenza ser terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jirriflettu dak l-eżitu.

1. **Att 55**, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91 tad-19 ta' Diċembru 1991 dwar it-twaqqif ta' stħarriġ fil-Komunità dwar il-produzzjoni industrijali: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li jitneħħa l-Att 55 mill-eżerċizzju ta' Adattament tal-PRS fid-dawl tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2017) 114 final, li hija proposta biex jitħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3924/91.

2. **Att 56**, ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 696/93 tal-15 ta' Marzu 1993 dwar l-unitajiet tal-istatistika għall-osservazzjoni u l-analiżi tas-sistema ta' produzzjoni fil-Komunità: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti ta' abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni billi titneħħa l-għoti ta' setgħa.

3. **Att 57**, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1165/98 tad-19 ta' Mejju 1998 li jikkonċerna l-istatistika għal żmien qasir: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li jitneħħa l-Att 57 mill-eżerċizzju ta' Adattament tal-PRS fid-dawl tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2017) 114 final, li hija proposta biex jitħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1165/98.

4. **Att 58**, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 tad-9 ta' Marzu 1999 li jikkonċerna l-istatistiċi strutturali dwar il-qligħ u dwar l-ispejjeż tax-xogħol: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li għal għoti ta' setgħa wieħed kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni li jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni (AI) u li għal għoti ta' żewġ setgħat oħrajn kienet ser terġa' lura b'suġġerimenti ta' abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI.

5. **Att 59**, ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 2150/2002 tal-25 ta' Novembru 2002 dwar l-istatistika tal-iskart: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li għal żewġ setgħat kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu adottati atti delegati (AD) u AI. Għall-għoti ta' setgħat l-oħrajn, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti ta' abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex jitneħħa għoti ta' setgħa wieħed, biex jiġu previsti AI fil-każ ta' għoti ta' setgħa oħra u li tiġi introdotta formulazzjoni speċifika biex jiġu evitati piż jew spejjeż addizzjonali sinifikanti (minn hawn 'il quddiem "il-klawsola ta' salvagwardja") fil-każ ta' għoti ta' setgħa wieħed għal AD.

6. **Att 60**, ir-Regolament (KE) Nru 437/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar il-prospetti tal-istatistika rigward it-trasport tal-passiġġieri, il-merkanzija u l-posta bl-ajru: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti tas-setgħa li jiġu adottati AI. Għall-għoti ta' setgħat oħrajn, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti ta' abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu previsti AI fil-każ ta' għoti ta' setgħa wieħed u tiġi introdotta klawsola ta' salvagwardja fil-każ tal-għoti ta' setgħa wieħed għall-AD.

7. **Att 61**, ir-Regolament (KE) Nru 450/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2003 dwar l-indiċi tal-ispiża tax-xogħol: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħat biex jiġu adottati AI u AD. Għal għoti ta' setgħat oħrajn, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti ta' abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu previsti AI u tiġi introdotta klawsola ta' salvagwardja fil-każ ta' għoti ta' setgħa wieħed għall-AD.

8. **Att 62**, ir-Regolament (KE) Nru 808/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar statistika Komunitarja dwar is-soċjetà tal-informazzjoni: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li jitneħħa l-Att 62 mill-eżerċizzju ta' Adattament tal-PRS fid-dawl tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2017) 114 final, li hija proposta biex jitħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 808/2004.

9. **Att 63**, ir-Regolament (KE) Nru 1161/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2005 dwar il-kumpilazzjoni ta' kontijiet trimestrali mhux finanzjarji skont is-settur istituzzjonali: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għal żewġ għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD. Fil-każ tal-għoti ta' żewġ setgħat oħra, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti ta' abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI u tneħħi l-għoti ta' setgħa wieħed.

10. **Att 64**, ir-Regolament (KE) Nru 1552/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar statistika li tirrigwarda t-taħriġ vokazzjonali fl-intrapriżi: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għal għoti ta' setgħa wieħed li jiġu adottati AI u għal għoti ta' setgħa oħra biex jiġu adottati AD, filwaqt li tiġi introdotta klawsola ta' salvagwardja fil-każ tal-għoti ta' setgħa ta' dan tal-aħħar. Għal għoti ta' setgħat oħrajn, il-Presidenza b'mod proviżorju kkonkludiet li terġa' lura b'suġġerimenti ta' abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi għadd ta' AI u tneħħi żewġ għotjiet ta' setgħat, b'wieħed minnhom m'għadux validu.

11. **Att 65**, ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tan-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AD.

12. **Att 66**, ir-Regolament (KE) Nru 458/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' April 2007 dwar is-sistema Ewropea tal-istatistika integrata tal-ħarsien soċjali (ESSPROS): Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħa wieħed biex jiġu adottati AD. Għall-għoti ta' żewġ setgħat oħra, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI.

13. **Att 67**, ir-Regolament (KE) Nru 716/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Ġunju 2007 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq l-istruttura u l-attività tal-affiljati barranin: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li jitneħħa l-Att 67 mill-eżerċizzju ta' Adattament tal-PRS fid-dawl tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2017) 114 final, li hija proposta biex jitħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 716/2007.

14. **Att 68**, ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 311/76 dwar il-kumpilazzjoni ta' statistika dwar ħaddiema barranin: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI u jitneħħa għoti ta' setgħa wieħed.

15. **Att 69**, ir-Regolament (KE) Nru 1445/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2007 li jistabbilixxi regoli komuni għall-provvista ta' informazzjoni bażika dwar il-Paritajiet tas-Setgħa tal-Infiq u għall-kalkolu u d-disseminazzjoni tagħhom: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għal għoti ta' setgħa wieħed biex jiġu adottati AD. Għal żewġ għotjiet ta' setgħat oħra, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti ta' abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI f'każ wieħed, u, fil-każ l-ieħor, jinqasam il-kontenut tal-għoti ta' setgħa f'elementi li għandhom jiġu stabbiliti minn AD taħt klawsola ta' salvagwardja u elementi li għalihom jitneħħa l-għoti ta' setgħa.

16. **Att 70**, ir-Regolament (KE) Nru 177/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 20 ta' Frar 2008 li jistabbilixxi qafas komuni għar-reġistri kummerċjali għall-finijiet tal-istatistika u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2186/93: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li jitneħħa l-Att 70 mill-eżerċizzju ta' Adattament tal-PRS fid-dawl tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2017) 114 final, li hija proposta biex jitħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 177/2008.

17. **Att 71**, ir-Regolament (KE) Nru 295/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar statistika strutturali kummerċjali: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li jitneħħa l-Att 71 mill-eżerċizzju ta' Adattament tal-PRS fid-dawl tal-proposta tal-Kummissjoni COM(2017) 114 final, li hija proposta biex jitħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 295/2008.

18. **Att 72**, ir-Regolament (KE) Nru 451/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 li jistabbilixxi klassifikazzjoni statistika ġdida tal-prodotti skont l-attività (KPA) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3696/93: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AD u li terġa' lura b'suġġerimenti ta' abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi introdotta klawsola ta' salvagwardja għal dak l-għoti ta' setgħa.

19. **Att 73**, ir-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għal għoti ta' setgħa wieħed biex jiġu adottati AD. Għall-għoti ta' setgħa l-ieħor, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI.

20. **Att 74**, ir-Regolament (KE) Nru 453/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar l-istatistika ta' kull tlett xhur dwar il-postijiet tax-xogħol vakanti fil-Komunità: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għal għoti ta' setgħa wieħed biex jiġu adottati AD. Għall-għotjiet ta' setgħat l-oħrajn, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI.

21. **Att 75**, ir-Regolament (KE) 763/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar iċ-ċensimenti tal-popolazzjoni u tad-djar: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI.

22. **Att 76**, ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għal erbgħa mill-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD. Għaż-żewġ għotjiet ta' setgħat l-oħra għall-AD, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti ta' abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tiġi introdotta klawsola ta' salvagwardja fil-każ ta' wieħed mill-għotjiet ta' setgħat u, għall-għoti ta' setgħa l-ieħor, jinqasam il-kontenut tiegħu f'elementi li għandhom jiġu stabbiliti minn AD u elementi li għalihom jitneħħa l-għoti ta' setgħa.

23. **Att 77**, ir-Regolament (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-istatistika Komunitarja dwar is-saħħa pubblika u s-saħħa u s-sigurtà fuq ix-xogħol: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI.

24. **Att 78**, ir-Regolament (KE) Nru 1185/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar l-istatistika li tikkonċerna l-pestiċidi: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħa wieħed biex jiġu adottati AD. Għal għoti ta' setgħa ieħor, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI. Fir-rigward ta' għoti ta' setgħa wieħed, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li tipposponi d-diskussjoni.

<u>TAQSIMA XI – MOBILITÀ U TRASPORT</u>

**Kumment orizzontali:** Fir-rigward tat-tul taż-żmien tad-delega tas-setgħat, fil-każijiet kollha f'din it-taqsima, li dwarhom il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil għal atti delegati, il-Presidenza kkonkludiet ukoll b'mod proviżorju li d-delega tas-setgħat għandha tkun limitata għal ħames snin, bil-possibbiltà ta' tiġdid taċitu (Għażla 2 tal-Artikolu standard dwar l-eżerċizzju tad-delega fl-appendiċi għall-Fehim Komuni tal-FII). Il-Presidenza reġgħet lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jirriflettu dak l-eżitu.

25. **Att 102,** ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li jitneħħa dak l-Att mill-eżerċizzju ta' Adattament tal-PRS minħabba li r-Regolament (KE) Nru 216/2008 jipprevedi għat-tħassir tal-Anness III tar-Regolament (KEE) Nru 3922/91, li miegħu huwa relatat l-għoti ta' setgħa tal-PRS.

26. **Att 103,** id-Direttiva tal-Kunsill 95/50/KE tas-6 ta' Ottubru 1995 dwar proċeduri uniformi għal verifiki fuq it-trasport ta' merkanzija perikoluża bit-triq: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AD.

27. **Att 104,** id-Direttiva tal-Kunsill 97/70/KE tal-11 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi reġim armonizzat ta' sigurtà għall-bastimenti tas-sajd ta' tul ta' 24 metru jew aktar: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għal għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD u AI.

28. **Att 105,** id-Direttiva 2000/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-iskart iġġenerat mill-bastimenti u għall-fdalijiet mill-merkanzija: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li tiġi posposta d-diskussjoni dwar l-Adattament tal-PRS ta' dak l-att peress li proposta ġdida tal-Kummissjoni dwar dak l-att mistennija tiġi adottata dalwaqt.

29. **Att 106**, id-Direttiva 2001/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi l-ħtiġijiet u l-proċeduri armonizzati għat-tagħbija u l-ħatt b'sigurtà ta' bastimenti ta' tagħbija bl-ingrossa: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AD.

30. **Att 107,** id-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ġunju 2002 li tistabbilixxi sistema għall-monitoraġġ u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-bastimenti fil-Komunità u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/75/KEE: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD.

31. **Att 108**, ir-Regolament (KE) Nru 2099/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi Kumitat dwar l-Ibħra Protetti u l-Prevenzjoni ta' Tniġġis minn Bastimenti (COSS) u li jemenda r-Regolamenti dwar is-sigurtà marittima u l-prevenzjoni ta' tniġġis minn bastimenti: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AD.

32. **Att 109**, id-Direttiva 2003/25/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2003 dwar il-ħtiġiet ta' stabbiltà speċifiċi għall-vapuri tal-passiġġieri ro-ro: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AD.

33. **Att 110,** id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AD.

34. **Att 111,** ir-Regolament (KE) Nru 782/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' April 2003 dwar il-projbizzjoni tal-komposti tal-organotin fuq il-bastimenti: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għal wieħed mill-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD. Għall-għoti ta' setgħa l-ieħor, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar għall-emendar tal-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI.

35. **Att 112,** id-Direttiva 2004/52/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-interoperabilità ta' sistemi elettroniċi dwar taxxi tat-toroq fil-Komunità: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju b'mod proviżorju li jitneħħa dak l-Att mill-eżerċizzju ta' Adattament tal-PRS minħabba li l-proposta tal-Kummissjoni mfassla mill-ġdid COM(2017) 280 final tkopri wkoll l-għotjiet ta' setgħat għall-PRS.

36. **Att 113,** id-Direttiva 2004/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-ħtiġiet minimi tas-sigurtà għall-mini fin-Network Trans-Ewropew tat-Toroq: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni billi titħassar l-għoti ta' setgħa li jiġu adottati AD.

37. **Att 114,** ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD, inkluż taħt il-proċedura ta' urġenza fejn propost, u għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AI.

38. **Att 115,** ir-Regolament (KE) Nru 785/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajruplani: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD.

39. **Att 116**, ir-Regolament (KE) Nru 789/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar it-trasferiment tal-bastimenti tat-tagħbija u tal-passiġġieri bejn ir-reġistri ġewwa l-Komunità u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 613/91: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AD.

40. **Att 117**, ir-Regolament (KE) Nru 868/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jikkonċerna l-protezzjoni kontra l-issussidjar u l-atti mhux ġusti tal-prezzijiet li jikkawżaw preġudizzju lit-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità fil-provvista tas-servizzi bl-ajru minn pajjiżi li ma humiex membri tal-Komunità Ewropea: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li jitneħħa dak l-Att mill-eżerċizzju ta' Adattament tal-PRS minħabba li l-proposta tal-Kummissjoni COM(2017) 289 final tipprevedi li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 868/2004 jiġi revokat u sostitwit.

41. **Att 118,** id-Direttiva 2005/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar is-Servizzi Armonizzati ta' Informazzjoni tax-Xmajjar (RIS) f'passaġġi fuq l-ilma interni fil-Komunità: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AD.

42. **Att 119**, id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AD, inkluż taħt il-proċedura ta' urġenza.

43. **Att 120,** ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera, u li jħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE: Fid-dawl tan-negozjati li għaddejjin dwar ir-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 216/2008, li fih ġew introdotti emendi għall-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li tipposponi d-diskussjoni dwar dak l-Att sal-adozzjoni tar-reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 216/2008.

44. **Att 121,** id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat kollha biex jiġu adottati AD għajr għoti ta' setgħa wieħed. Fir-rigward ta' dak l-għoti ta' setgħa, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil biex jinżamm l-għoti ta' setgħa għal AD filwaqt li jitneħħew ċerti elementi minnu u, b'hekk, għall-emendar tal-proposta tal-Kummissjoni billi jitneħħew dawk l-elementi mill-għoti ta' setgħa kkonċernat.

45. **Att 122**, ir-Regolament (KE) Nru 336/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Internazzjonali dwar l-Amministrazzjoni tas-Sigurtà fi ħdan il-Komunità u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3051/95: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AD.

46. **Att 123,** id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomottivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għal xi għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD, inkluż bil-proċedura ta' urġenza fejn propost, u għall-għotjiet ta' setgħat l-oħra, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar, li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu previsti AI.

47. **Att 124**, ir-Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li jitneħħa dak l-Att mill-eżerċizzju ta' Adattament għall-PRS billi b'COM(2017) 548 final il-Kummissjoni tipproponi tfassil mill-ġdid tar-Regolament (KE) Nru 1371/2007, li jkopri wkoll l-għotjiet ta' setgħat għall-PRS.

48. **Att 125**, id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AD.

49. **Att 126**,id-Direttiva 2008/96/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar il-ġestjoni tas-sikurezza fl-infrastruttura tat-toroq: Għal wieħed mill-għotjiet ta' setgħat, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu adottati AD. Għall-għoti ta' setgħa l-ieħor, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar għall-emendar tal-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI.

50. **Att 127**, ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI għal żewġ għotjiet ta' setgħat u t-tneħħija ta' għoti ta' setgħa wieħed.

51. **Att 128**, id-Direttiva 2009/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri u għall-attivitajiet rilevanti tal-amministrazzjonijiet marittimi: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AD.

52. **Att 129**, id-Direttiva 2009/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li tistabbilixxi l-prinċipji fundamentali li jirregolaw l-investigazzjoni ta' aċċidenti fis-settur tat-trasport marittimu u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/35/KE u d-Direttiva 2002/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għal tnejn mill-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD. Għal għoti ta' setgħa wieħed, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar, li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI.

53. **Att 130**, id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li jitneħħa dak l-Att mill-eżerċizzju ta' Adattament għall-PRS billi l-proposta tal-Kummissjoni COM(2017) 653 final, li hija proposta għall-emendar tad-Direttiva 2009/33/UE, tkopri wkoll l-għotjiet ta' setgħat għall-PRS.

54. **Att 131**, ir-Regolament (KE) Nru 391/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-organizzazzjonijiet għall-ispezzjoni u l-perizji tal-vapuri: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD.

55. **Att 132**, ir-Regolament (KE) Nru 392/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar ir-responsabbiltà tat-trasportaturi ta' passiġġieri bil-baħar fil-każ ta' aċċidenti: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD.

56. **Att 133**, ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li jitneħħa dak l-Att mill-eżerċizzju ta' Adattament għall-PRS billi l-proposta tal-Kummissjoni COM(2017) 281 final, li hija proposta għall-emendar tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, tkopri wkoll l-għotjiet ta' setgħat għall-PRS.

57. **Att 134**, ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li jitneħħa dak l-Att mill-eżerċizzju ta' Adattament għall-PRS billi l-proposta tal-Kummissjoni COM(2017) 281 final, li hija proposta għall-emendar tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009, tkopri wkoll l-għotjiet ta' setgħat għall-PRS.

58. **Att 135,** ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 561/2006: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li jitneħħa dak l-Att mill-eżerċizzju ta' Adattament għall-PRS billi l-proposta tal-Kummissjoni COM(2017) 647 final, li hija proposta għall-emendar tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009, tkopri wkoll l-għotjiet ta' setgħat għall-PRS.

TAQSIMA XII - SAĦĦA U SIKUREZZA ALIMENTARI

**Kumment orizzontali**: Fir-rigward tat-tul taż-żmien tad-delega tas-setgħat, fil-każijiet kollha f'din it-taqsima, li dwarhom il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil għal atti delegati, il-Presidenza kkonkludiet ukoll b'mod proviżorju li d-delega tas-setgħat għandha tkun limitata għal ħames snin, bil-possibbiltà ta' tiġdid taċitu (Għażla 2 tal-Artikolu standard dwar l-eżerċizzju tad-delega fl-appendiċi għall-Fehim Komuni tal-FII). Il-Presidenza reġgħet lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jirriflettu dak l-eżitu.

59. **Att 136,** id-Direttiva tal-Kunsill 89/108/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' oġġetti tal-ikel iffriżati malajr għal konsum mill-bniedem: Għal wieħed mill-għotjiet ta' setgħat, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni biex jiġu adottati AD. Għall-għoti ta' setgħa l-ieħor, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar għall-emendar tal-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI.

60. **Att 137,** id-Direttiva 1999/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Frar 1999 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jikkonċernaw ikel u ingredjenti tal-ikel trattati b'radjazzjoni li tionizza: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għal żewġ għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD, inkluż taħt il-proċedura ta' urġenza fejn propost. Għal għoti ta' setgħa wieħed, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni billi tneħħi l-għoti ta' setgħa li jiġu adottati AD.

61. **Att 138,** ir-Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AD.

62. **Att 139,** id-Direttiva 2001/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2001 dwar ir-rilaxx intenzjonat fl-ambjent ta' organiżmi modifikati ġenetikament u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/220/KEE: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD.

63. **Att 140,** id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat kollha biex jiġu adottati AD għajr għoti ta' setgħa wieħed. Għal dak l-għoti ta' setgħa, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li tipposponi d-diskussjoni minħabba l-paralleliżmu bejn dan l-għoti ta' setgħa u għoti ta' setgħa fir-Regolament (KE) Nru 726/2004 sal-finalizzazzjoni tad-diskussjonijiet dwar dawk l-għotjiet ta' setgħat fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Farmaċewtiċi u l-Apparat għal Użu Mediku.

64. **Att 141,** ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċerta enċefalopatija sponġiformi li tinxtered: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD.

65. **Att 142,** id-Direttiva 2002/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Mejju 2002 dwar sustanzi mhux mixtieqa fl-għalf tal-annimali: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD, inkluż taħt il-proċedura ta' urġenza fejn propost.

66. **Att 143**, id-Direttiva 2002/46/KE tal-10 ta' Ġunju 2002 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar is-supplimenti tal-ikel: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD, inkluż taħt il-proċedura ta' urġenza fejn propost, u għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AI.

67. **Att 144,** id-Direttiva 2002/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi livelli stabbiliti ta' kwalità u sigurtà għall-ġbir, l-ittestjar, l-ipproċessar, il-ħażna u t-tqassim ta' demm tal-bniedem u komponenti tad-demm u li temenda d-Direttiva 2001/83/KEE: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD, inkluż taħt il-proċedura ta' urġenza, u għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AI.

68. **Att 145,** ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002 tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD u għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AI.

69. **Att 146,** id-Direttiva 2003/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 rigward il-monitoraġġ taż-żoonożi u tal-aġenti żoonotiċi, li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE u tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/117/KEE: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għal tnejn mill-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD, inkluż taħt il-proċedura ta' urġenza fejn propost. Għal għoti ta' setgħa wieħed, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI.

70. **Att 147,** ir-Regolament (KE) Nru 1829/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar ikel u għalf modifikat ġenetikament: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD u għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AI.

71. **Att 148,** ir-Regolament (KE) Nru 1830/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 dwar it-traċċabilità u l-ittikkettar ta' organiżmi modifikati ġenetikament u t-traċċabilità ta' prodotti ta' ikel u għalf manifatturati minn organiżmi modifikati ġenetikament u li jemenda d-Direttiva 2001/18/KE: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AD.

72. **Att 149,** ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD.

73. **Att 150,** ir-Regolament (KE) Nru 2065/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2003 dwar it-taħwir bl-affumikazzjoni użat jew intiż għall-użu fi jew fuq l-ikel: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD.

74. **Att 151,** ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Novembru 2003 fuq il-kontroll tas-salmonella u aġenti Żoonotiċi oħra speċifiċi li jkun hemm ġewwa l-ikel: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD u għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AI, għajr għal għoti ta' setgħa wieħed biex jiġu adottati AD. Għal dak l-għoti ta' setgħa, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI għal ċerti elementi tal-għoti ta' setgħa, filwaqt li jinżammu l-bqija tal-elementi tal-għoti ta' setgħa għal AD.

75. **Att 152,** id-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-iffissar ta' standards ta' kwalità u sikurezza għad-donazzjoni, ksib, ittestjar, proċessar, preservazzjoni, ħażna u tqassim ta' tessuti u ċelloli tal-bniedem: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD, inkluż taħt il-proċedura ta' urġenza fejn propost, u għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AI.

76. **Att 153,** ir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene tal-oġġetti tal-ikel: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat kollha biex jiġu adottati AD, għajr għoti ta' setgħa wieħed. Għal dak l-għoti ta' setgħa, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar, li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI.

77. **Att 154,** ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD u għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AI.

78. **Att 155,** ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li jitneħħa dak l-Att mill-eżerċizzju ta' Adattament tal-PRS billi r-Regolament (UE) Nru 2017/625 iħassar ir-Regolament (KE) Nru 854/2004.

79. **Att 156,** ir-Regolament (KE) Nru 183/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-iġjene tal-għalf: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD.

80. **Att 157,** ir-Regolament (KE) Nru 1901/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar prodotti mediċinali għall-użu pedjatriku u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1768/92, id-Direttiva 2001/20/KE, id-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għal wieħed mill-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD. Sabiex l-għoti ta' setgħa ieħor jadotta AD, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li tipposponi d-diskussjoni minħabba l-paralleliżmu bejn dak l-għoti ta' setgħa u għoti ta' setgħa fir-Regolament (KE) Nru 726/2004 sal-finalizzazzjoni tad-diskussjonijiet dwar dawk l-għotjiet ta' setgħat fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar il-Farmaċewtiċi u l-Apparat għal użu mediku.

81. **Att 158**, ir-Regolament (KE) Nru 1924/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD u għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AI.

82. **Att 159,** ir-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra mal-ikel: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD, inkluż taħt il-proċedura ta' urġenza fejn propost, u għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AI.

83. **Att 160,** Regolament (KE) Nru 1394/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2007 dwar prodotti mediċinali ta' terapija avvanzata u li jemenda d-Direttiva 2001/83/KE u r-Regolament (KE) Nru 726/2004: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għoti ta' setgħa biex jiġu adottati AD.

84. **Att 161,** id-Direttiva 2009/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward is-solventi tal-estrazzjoni użati fil-produzzjoni tal-oġġetti tal-ikel u l-ingredjenti tal-ikel: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għal tnejn mill-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD, inkluż taħt il-proċedura ta' urġenza fejn propost. Għal għoti ta' setgħa wieħed, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI u l-possibbiltà li jiġu adottati AI immedjatament applikabbli.

85. **Att 162,** id-Direttiva 2009/41/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-użu konfinat ta' mikroorganiżmi modifikati ġenetikament: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għal wieħed mill-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD. Għall-għoti ta' setgħa l-ieħor biex jiġu adottati AD, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex mill-għoti ta' setgħa tiġi eskluża parti waħda ta' Anness.

86. **Att 163,** id-Direttiva 2009/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-isfruttament u t-tqegħid fis-suq ta' ilmijiet minerali naturali: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat kollha biex jiġu adottati AD, inkluż taħt il-proċedura ta' urġenza fejn propost, għajr għal għoti ta' setgħa wieħed. Għal dak l-għoti ta' setgħa, il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li terġa' lura b'suġġerimenti għall-abbozzar, li jemendaw il-proposta tal-Kummissjoni biex tipprevedi AI.

87. **Att 164,** id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD.

88. **Att 165,** ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jistabbilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2377/90 u li jemenda d-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD u għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AI, inkluż għal AI applikabbli immedjatament.

89. **Att 166,** ir-Regolament (KE) Nru 767/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' għalf, li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 79/373/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 80/511/KEE, id-Direttivi tal-Kunsill 82/471/KEE, 83/228/KEE, 93/74/KEE, 93/113/KE u 96/25/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/217/KE: Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD, inkluż taħt il-proċedura ta' urġenza fejn propost, u għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AI.

90. **Att 167,** ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali): Il-Presidenza kkonkludiet b'mod proviżorju li kien hemm qbil mal-proposta tal-Kummissjoni għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AD, inkluż taħt il-proċedura ta' urġenza fejn propost, u għall-għotjiet ta' setgħat biex jiġu adottati AI.

## III. KONKLUŻJONIJIET

91. Il-Presidenza tqis li sar aktar progress sinifikanti fuq il-Proposta dwar l-Adattament tal-PRS b'appoġġ proviżorju għal approċċ għal 90 att fit-Taqsimiet VII, XI u XII tal-Anness għal dik il-proposta. Taħt il-Presidenza Estonjana l-grupp tal-Ħbieb tal-Presidenza lesta l-ewwel eżami tat-Taqsimiet kollha tal-Anness għall-proposta tal-Kummissjoni COM (2016)799.

100. Dan javvanza b'mod konsiderevoli l-proċess għall-kisba tal-objettivi tal-FII dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, b'mod partikolari, il-ħtieġa li tingħata prijorità għolja lill-allinjament fil-pront tal-atti bażiċi kollha li għadhom jirreferu għall-proċedura regolatorja bi skrutinju, ħtieġa rikonoxxuta mit-tliet istituzzjonijiet (paragrafu 27 tal-FII).

Il-COREPER u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-rapport ta' progress tal-Presidenza.